# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2024**

**Rikors Nru: 497/2023**
**Nru fuq il-Lista: 26**

**Louis Caruana (K.I. 166056M)**

**vs**

**Moner Tabar (K.I. 153211L)**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur flimkien mad-dokumenti hemm annessi, datat 4 t'Ottubru 2023[1], fejn għar-raġunijiet hemm imfissra, l-Bord ġie mitlub sabiex jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent l-arretrati ta' kera u li l-istess intimat jiżgombra mill-fond enumerat mija, disgħa u sittin (169), Vjal Indipendenza, Żurrieq. Inizjalment, ir-rikors ġie mressaq bħala wieħed magħmula ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ra d-digriet ta' dan il-Bord tas-17 ta' Ottubru 2023[2].

---

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol 9 tal-proċess.

Ra dak li seħħ fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2023[3], fejn l-intimat ingħata jedd li jressaq eċċezzjonijiet.

Ra dak li seħħ fis-seduta tas-16 ta' Frar 2024[4] fejn il-Bord sab li l-intimat kien naqas milli jħejji risposta.

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2024[5] fejn id-difensur tar-rikorrent straħ fuq id-dikjarazzjoni ġuramentata annessa mar-rikors promotur. Dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi kif jirriżulta mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott għad li l-intimat ingħata l-jedd sabiex iħejji difiża tiegħu huwa naqas milli jagħmel hekk. F'ċirkostanzi bħal dawn, ġie ċċarat li r-riżultat ta' dan in-nuqqas m'hijiex li l-proċedura sommarja speċjali terġa titqajjem mill-mewt, iżda, skond il-każ, l-intimat jiġi dikjarata kontumaċi[6].

[3] A fol 14 tal-proċess.
[4] A fol 15 tal-proċess.
[5] A fol 16 tal-proċess.
[6] Ara f'dan is-sens dak li ġie raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Danish Bakery Limited vs Roderick Bonnici,** (348/2022/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Jannar 2023.

Illi fil-każ tagħna, l-intimat għażel li ma jweġibx għal din l-azzjoni. Naturalment, dan in-nuqqas ta' parteċipazzjoni fil-proċess ġudizzjarju ftit jista' jkun ta' għajnuna għall-intimat. Huwa minnu li dan ma jfissirx li dan il-Bord huwa kostrett jaċċetta t-teżi tar-rikorrenti bis-sempliċi fatt li ma tiġix ppreżentata kontestazzjoni formali bil-miktub[7].

Illi mix-xhieda tar-rikorrent annessa mar-rikors promotur, mhux kontradetta, jirriżulta lit-talbiet kollha rimanenti għandhom jiġu milqugħa.

Għaldaqstant, il-Bord qiegħed jaqta' din il-vertenza billi:

1) Jastjeni milli jqis aktar l-ewwel talba, billi din ġiet miċħuda fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2023;
2) Jilqa' it-tieni t-talba u jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent l-ammont ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) bl-imgħax legali mid-data tal-4 ta' Ottubru 2023[8] sad-data tal-pagament effettiv;
3) Jilqa' t-tielet talba u jordna li l-intimat jiżgombra mil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum mid-data ta' din is-sentenza.

---

[7] F'dan ir-rigward il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri *et* vs Anthony Aquilina,** (App Nru 5/2015/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Novembru 2016 fejn intqal hekk: *"Kif qorti ghandha, "kull dritt tirileva, anke indipendentement mill-inizjattiva tal-parti konvenuta, in-nuqqas ta' dawk l-elementi li jsostnu l-fundament tal-pretensjoni tal-atturi. Dan jigri dejjem, ukoll fejn parti mharrka tkun fi stat kontumacjali." (Maria Concetta Pons vs Carmelo Degabriele, 20 ta' Novembru 2009), l-istess dritt ghandu l-Bord.* B'żieda ma dan issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maurice Borg *et* vs Robert Spiteri,** (App Nru: 137/2017) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Ġunju 2018 fejn ġie rrimarkat hekk: *"Mad-daqqa ta' għajn jidher li bl-artikolu 30 il-Bord għandu jdejh marbutin. Pero' f'dan il-każ tressqu provi dokumentarji u xehed l-attur. Il-qorti ma tarax kif a bazi ta' dawk il-fatti l-Bord seta' jagħlaq għajnejh u jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti qiesu xejn mhu xejn."* Wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ġie raġunat u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Michelangelo Camilleri vs Silvio Falzon,** (App 84/2012/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Jannar 2015.

[8] Data tal-preżentata tar-rikors promotur, liema rikors kien jispeċifika l-ammont mitlub.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-intimat[9].

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[9] Artikolu 40 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.